MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 277/2013

**Dr David Gonzi (ID Numru 551078M) bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Destel Marine Limited irregistrata gewwa l-Liberja**

***kontra***

**Il-Bastiment M.V. TRIANTAFILLOS M registrat taht il-bandiera Maltija u li ghandu IMO Nru 9428152 u Call Sign 9HWAH u Tunnellagg gross ta` 5222**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-21 ta` Marzu 2013 li jaqra hekk–

*1. Illi l-bastiment intimat hu debitur versu r-rikorrent ghas-somma ta` wiehed u tmenin elf, tlieta u hamsin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (eur81,053.24) jew somma ohra verjuri li tekwivali skont ir-rata ta` kambju vigenti ghas-somma ta` mija u erbat elef u sitt mitt dollaru Amerikan u tlieta u ghoxrin centezmi (USD104,600.23) oltre imghaxijiet mid-data tal-fattura rilevanti sad-data tal-pagament effettiv u spejjez, rapprezentanti l-prezz ta` bunker u fuel oil mibjugh u kkunsenjat lill-bastiment intimat, kif jidher mill-fattura hawn annessa bhala Dok. 'DG2' u l-Bunker Delivery Receipt hawn annessa bhala Dok. 'DG3''.*

*2. Illi dan id-debitu kellu jithallas fi zmien tletin jum mid-data tal-konsenja, kif jidher mill-fattura hawn annessa bhala Dok. 'DG1' liema konsenja saret fit-28 ta` Dicembru 2012 kif jidher mill-fattura annessa bhala Dok. 'DG1' kif ukoll mill-Bunker Delivery Receipt hawn annessa bhala Dok. 'DG3'. Ghaldaqstant id-debitu sar dovut nhar it-28 ta` Jannar 2013.*

*3. Illi sal-gurnata ta` llum is-somma dovuta ghadha ma thallsitx u fil-fehma tar-rikorrent dan id-dejn huwa veru, cert, likwidu u dovut u l-bastiment intimat m`ghandhiex eccezzjonijiet xi ggib ghat-talba ta` hlas tar-rikorrent;*

*4. Illi ghalhekk dan jaghti d-dritt lir-rikorrent sabiex jipprocedi kontra l-bastiment intimat bi procediment sommarju specjali kif provdut fl-artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, kif fil-fatt qed jaghmel;*

*Ghaldaqstant jghid ghalhekk il-bastiment intimat ghaliex m`ghandhiex din il-Qorti, tiddeciedi skont it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, u tikkundanna, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, lill-bastiment intimat ihallas lir-rikorrent is-somma ta` wiehed*

*u tmenin elf, tlieta u hamsin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (eur81,053.24) jew somma ohra verjuri li tekwivali skont ir-rata ta` kambju vigenti ghas-somma ta` mija u erbat elef u sitt mitt dollaru Amerikan u tlieta u ghoxrin centezmi (USD104,600.23).*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta` arrest ta` bcejjec tal-bahar 'il fuq minn ghaxar metri (kawtelatorju) li kien akkordat nhar l-1 ta` Frar 2013 u jgib in-numru 306/2012, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-fattura rilevanti sad-data tal-hlas effettiv kontra l-bastiment intimat debitament ingunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrent noe u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat li l-atti tar-rikors guramentat kienu debitament notifikati lill- intimat skond il-ligi flimkien mal-avviz tas-smigh tal-kawza.

Rat li meta ssejhet il-kawza fl-udjenza tal-lum il-Hamis 18 ta` Mejju 2013 fid-09.00 a.m., l-intimat ma deherx.

Rat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati, taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –

**1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smigh.**

**2. Tikkundanna lill-bastiment intimat ihallas lir-rikorrent is-somma ta` wiehed u tmenin elf, tlieta u hamsin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€81,053.24) jew somma ohra verjuri li tekwivali skont ir-rata ta` kambju vigenti ghas-somma ta` mija u erbat elef u sitt mitt dollaru Amerikan u tlieta u ghoxrin centezmi (USD104,600.23), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------